MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1014/2005

**Martin u Rodianne konjugi Mercieca – Karti ta' l–identita` numru 28180G u 11583G rispettivament; Nazzareno u Josephine konjugi Mercieca – Karti ta' l-identita` numri 34155G u 16459G rispettivament.**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-8 ta' Novembru 2005 gew appuntati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-bastiment illi fil-pruwa tieghu jgib l-isem jew il-kliem, bl-alfabet Gharbi 'TEBERIK ERAHAN ALLAH' u n-numru 1054; mentri fil-poppa jgib l-isem jew il-kliem 'JERIB SETRIL'; fih tul ta' madwar tnejn u sebghin pied (72') pari ghal madwar wiehed u ghoxrin punt disgha hamsa metri (21.95m); u fih wisa' massimu ta' madwar dsatax-il pied u nofs (19'6") pari ghal madwar hamsa punt disgha hamsa metri (5.95m), u mizbugh kulur blu u celesti.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Ottubru 2005 a fol. 1 tal-processipprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi nhar it-28 ta' Settembru 2005 waqt li kienu fuq il-bahar bil-luzzu taghhom registrazzjoni numru MFA 314 bl-isem 'Carmelo Padre' l-atturi iltaqghu mal-bastiment konvenut madwar hamsa u erbghin mil-(45) 'il barra mill-kosta tal-punent ta' Malta.

U peress illi l-bastiment konvenut kien qieghed f'diffikultajiet serji *stante* li ma kienx gwidat u *stante* illi l-bahar kien imqalleb sew u ghalhekk kien hemm perikolu li jeghreq jew jitfarrak.

Illi l-atturi taw assistenza ta' salvatagg (*salvage*) u rmonk (*towage*) lill-bastiment konvenut b'mod illi salvawh minn qerda certa kif jigi dettaljament waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

Illi l-atturi sabiex ghamlu dan anke sofrew xi spejjes fuq id-dghajsa taghhom u abbandunaw is-sajda illi kienet l-iskop ilghala huma kienu hargu daqstant 'il barra minn Malta.

Illi ghalhekk l-atturi huma intitolati skond il-ligi sabiex jitlobu kumpens ta' salvatagg (*salvage*) u rmonk (*towage*) minghand il-konvenut *nomine*, kif ukoll jitolbu l-ispejjes ta' dawk id-danni sofferti fuq id-dghajsa taghhom;

Illi din l-azzjoni hija wahda *in rem* intentata kontra l-istess bastiment.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi illi l-atturi huma intitolati ghal kumpens minhabba l-assistenza ta' salvatagg (*salvage*) u rmonk (*towage*) resa minnhom lill-konvenut.

2. Tillikwida dak il-kumpens kollu hekk dovut, ghal din l-assistenza ta’ salvatagg u rmonk.

3. Tillikwida l-kumpens ta’ l-ispejjes imgarrba mill-atturi sabiex irrendew dan is-salvatagg u rmonk.

4. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas dak il-kumpens u spejjes hekk likwidati.

Bl-ispejjes kollha inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju, prezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-ingunzjoni minn issa tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 5 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti u mmarkati bhala Dok “A”, Dok “B”, u Dok “C” li huma tlett rittratti tal-bastiment konvenut kif jidher minn fol. 6 sa fol. 9 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar il-15 ta’ Marzu 2006 minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tad-9 ta’ Mejju 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer datata d-29 ta’ Marzu 2006 a fol. 23 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi huma m’humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Salc eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 24 tal-process.

Rat in-nota ta’ Martin Mercieca datata 17 ta’ April 2006 a fol. 28 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit

tieghu stess u li hu mmarkat bhala Dok. “MM”; l-affidavit ta’ Nazzareno Mercieca Dok. “MM1”; ta’ Joseph Sciberras Dok. “MM2”; ta’ Alan Piscopo Dok. “MM3”; l-affidavit ta’ Emanuel Borg Dok. “MM4”; ta’ Louis Cardona Dok. “MM5” u l-affidavit ta’ John Borg Dok. “MM6” u dan kollox kif jidher minn fol. 29 sa fol. 35 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Mejju 2006 a fol 37 tal-process fejn Dr. Jean Paul Grech obbliga ruhu illi fi zmien tletin (30) jum ghandu jipprezenta nota bi prospett tal-kumpens li qed jippretendi fic-citazzjoni attrici, b’kopja lid-difensur tal-kontro-parti u l-kuratur deputat ghandu tletin (30) jum biex jipprezenta l-affidavits tieghu min-notifika ta’ l-istess nota. Dr. Jean Paul Grech iddikjara li m’ghandux indirizz tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta’ Ottubru 2006.

Rat in-nota ta’ l-atturi Martin u Rodianne konjugi Mercieca *et* datata 5 ta’ Gunju 2006 a fol. 39 li permezz taghha esebew tlett Dokumenti li huma mmarkati bhala Dok “X”, Dok “X1” u Dok. “X2”.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2006 fejn meta issejhet il-kawza deher Dr. Jean Paul Grech ghall-atturi li indika li l-kumpens mitlub huwa ta’ Lm6,783 skond dokumenti diga` prezentati. Dr. Beppe Fenech Adami issejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li fit-28 ta’ Settembu 2005 waqt li kienu fuq il-luzzu taghhom Registrazzjoni Numru MFA 314 bl-isem Carmelo Padre raw il-bastiment konvenut f’perikolu li jeghreq u jitfarrak u allura marru sabiex jaghtu l-ghajnuna taghhom u dan billi rabtu dan il-bastiment ma’ l-iskuna taghhom u rmonkawh

ghall-Imgarr Ghawdex, operazzjoni li damet xi tlett sieghat; sabiex ghamlu dan abbandunaw is-sajda u ghamlu spejjez u talbu sabiex jinghataw kumpens ghall-assitenza ta’ salvatagg (*salvage*) u ribmors ta’ l-ispejjez.

Illi din l-operazzjoni giet konfermata bix-xhieda ta’ Martin Mercieca, Nazzareno Mercieca, Joseph Sciberras, Alan Piscopo, Emmanuel Borg, Louis Cardona u John Borg permezz ta’ l-affidavits taghhom ipprezentati fis-17 ta’ April 2006, u fil-fatt l-istess allegazzjonijiet attrici lanqas biss huma kkontestati.

Illi mid-dokument “X” jirrizulta wkoll li l-kumpens ghall-assistenza ta’ salvatagg u ghall-irmonk jammontaw ghall-Lm5,200, mentri l-ispejjez inkorsi jammontaw ghall-Lm1,583 konsistenti f’dawk indikati fil-paragrafi (c) u (d) tad-Dok. “X” esebit, u b’hekk l-ammont totali riklamat f’din l-azzjoni huwa ta’ Lm6,783. Dawn l-ammonti huma wkoll ippruvati u fil-fatt lanqas huma ikkontestati.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif hawn indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b’xi mod inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddeciedi illi l-atturi huma intitolati ghal kumpens minhabba l-assistenza ta’ salvatagg (*salvage*) u rmonk (*towage*) resa minnhom lill-konvenut.

2. Tillikwida dak il-kumpens kollu hekk dovut, ghal din l-assistenza ta’ salvatagg u rmonk u dan fl-ammont ta’ Lm5,200.

3. Tillikwida l-kumpens ta’ l-ispejjes imgarrba mill-atturi sabiex irrendew dan is-salvatagg u rmonk u dan fl-ammont ta’ Lm1,583.

4. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas dak il-kumpens u spejjes hekk likwidati fl-ammonti ta' Lm5,200 u Lm1,583 rispettivament li jammontaw ghalhekk ghall-ammont globali ta' sitt elef, seba' mija u tlieta u tmenin liri Maltin (Lm6,783).

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, prezentat kontestwalment mal-azzjoni attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------